IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 34 – IT-TNEJN 12 TA' OTTUBRU 2009**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċu Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri għadu indisposy u ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.**

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tlieta u tletin (33) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2. Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

**2. KORRISPONDENZA.**

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn id-29 ta' Settembru u t-12 ta' Ottubru 2009.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2380/09. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien qed

jistieden lilk-Kunsilli Lokali biex jipparteċipaw fil-programm televiżiv ġdid " Education 22".

2.3. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2381/09. Kumpanija privata kienet qed toffri lill-Kunsilli Lokali s-servizz ta' "Nursing" bi prezzijiet raġonevoli.

2.4. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2432/09. Din kienet ittra mingħand is-segretarju ta' Ministru li ġarrab ħsara fil-vettura tiegħu privata meta għadda minn Triq il-Wied u daħal ġo ħofra meta kienet għada kif għamlet ix-xita. Il-ħofra s-sewwiet l-għada.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn id-29 ta' Settembru u t- 12 ta' Ottubru 2009, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru.325302 dwar krejnijiet li qed jaħdmu fi Triq Anton Buttigieg u niżlet it-triq bil-piż tagħhom u qed iżomm l-Ilma. Il-Kunsill qed jinvestiga dan il-kaz.

3.3 Rigward ilment 425442 dwar residenti li qed jagħtu l-ikel lill-qtates fi Triq May Butcher u dan qed iġib in-nemus. Il-Kunsill Lokali jista' javża lir-residenti kkonċernati biex ma' jkomlpux b'din il-prattika.

3.4 Rigward talba 925424 biex isir lqugħ fil-Bus Stage ta' quddiem il-Vodafone fi Triq Dun Karm n-naħa tal-Iklin għaliex fix-xita karozzi jaħslu lil min ikun hemm jistenna. Il-Kunsill sejjer jordna dan l-ilqugħ u xi siġġijiet għal ġo l-Istage.

3.5 Rigward ilment 225484 dwar vettura ipparkjata fi Triq Erin S. Inglott għal dawn l-aħħar tlett ġimgħat u għandha liċenzja. Il-Kunsill ma' jistgħax jieħu passi għaliex din għand liċenzja mħallsa.

3.6 Rigward talba Nru. 825485 biex issir "parking-bay" għal mutur fi Triq Giovanni Curmi. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jara tistax issir.

3.7 Rigward ilment Nru. 125569 dwar qtugħ bl-addoċċ tas-siġar taż-Żebbug fi Triq Pietru Pawl Saydon. Il-Kunsill Lokali qed jinvestiga dan il-kaz biex iwissi lil minn kien responsabbli.

3.8 Rigward ilment Nru. 425571 biex jitneħħa l-isem "Triq Ħwawar" minn fuq tabella li hemm fi Triq Ħarruba għaliex qiegħda tagħti indikazzjoni ħażina fejn tinsab it-triq. Il-Kunsill

għandu jagħmel aktar tabelli 'l fuq biex jindika fejn qiegħda Triq Ħwawar.

3.9 Rigward talba Nru. 025572 biex issir tabella oħra fi Triq Ħwawar faċċata ta' dik li hemm fil-kantuniera biex min jitla' minn Triq il-Wied jaraha. Il-Kunsill sejjer jieħu passi.

3.10 Rigward ilment Nru. 825574 dwar l-ilma tax-xita li qed iżomm quddiem residenta fi Triq Ħwawar; il-Kunsill jista' jindirizza din il-problema aktar 'l quddiem meta jkun possibbli.

3.11 Rigward ilment Nru. 125575 minn residenta li għandha l-garaxx fi Triq Erin Serracino Inglott li qalet li mindu saret il-bankina qed jidħlila ħafna ilma fil-garaxx. Il-Kunsill sejjer jerġa jara dan il-kaz.

3.12 Rigward talba Nru. 025576 biex isiru t-tabelli tal-ħin man-naħa tagħha wkoll ta' Triq Pietru Pawl Saydon għaliex m'hiex issib tipparkja. Dawn it-tabelli tal-ħin kien approvati mil-ADT u ma' jistgħux jinbidlu.

3.13 Rigward talba Nru. 825807 biex Triq Patri Anastasju Cuschieri u Triq Guze' Pesci isiru "one-way bil-kontra minħabba li qed jaħbtu ħafna karozzi fi Pjazza Ninu Cremona kantuniera ma' Triq Ġuze' Pesci. Il-kunsill qal li dan it-Traffic Management kien diġa ġie studjat u approvat u għaldaqstant ma jistgħax jinbidel.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat C.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq offerta mingħand id-ditta Diaries J.D. Ltd għal xiri tad-diaries għall-Kunsill. Bħal ma għamilna kull sena, sejrin nordnaw mingħand l-istess Ditta 40 diaries b'arma tal-kunsill Lokali.
Din l-ordna ġiet approvata unanimament.

## 5. MATERJI KONNESSI MA'L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet t- tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA03948/09. Bini tat-tieni sular bħala estensjoni ta' residenza diġa eżitenti. 26, Triq Giovanni Curmi
PA 03987/09. Tqegħied ta' tabelli informattivi fi Triq Razzett l-Aħmar c/w Triq il-Ħwawar u Triq in-Namur. Talba tal-Kunsill Lokali Iklin.

## 6. ATTIVITAJIET MATUL IX-XAHAR TA' OTTUBRU.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli beda biex qal li jekk is-Sibt ma jkunx hemm nies biżżejjed għal din l-attivita' sportiva, allura din titħassar.

6.2 Iżda jekk jirnexxilna inġibu synthethic pitch mill-MFA li tintrema barra, allura l-Lija/Iklin Football Nursery jkunu jistgħu jagħmlu "display" fil-Pjazza.

6.3 Dwar l-attivita' tal-Ħadd 18 ta' Ottubru, barra l-Esibizzjoni ta' Posters u Ritratti, sejjer jkun hemm wkoll Puppet show għat-tfal, Balloon Maker u żewġ persunaġġi "Tom and Jerry" biex jilqgħu n-nies fil-Pjazza.

## 7. AĠĠORNAMENT.

7.1 Is-Sur Dalli irrefera għat-Tender għas-Servizzi Klerikali li kien għalaq. Dan ma setgħax jiġi mġedded għaliex ma kienx permessibbli wara r-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

7.2 Għaldaqstant il-Kunsill Lokali kien talab permess li-Dipartiment tal-Ġvern Lokali biex jimpjega skrivana fuq 'Part-time basis' . Dan il-permess ġie approvat fl-1 ta' Ottubru mid-Dipartiment.

7.3 Il-Kunsill kien wkoll avżat biex japplika mal-ETC biex iġib Il-permess meħtieġ. Il-Kunsill staqsa wkoll jekk jistax juża s-servizzi tal-persuna li kienet qed tagħti servizz lil-Kunsill taħt it-tender.

7.4 L-ETC irrisponda li l-Kunsill ma setgħax jimpjega din il-persuna għaliex din m'hiex impjegata mal-Kunsill imma r-reġistrata bħala "self-employed". Iżda seta' joħroġ "call for applications' internament mal-Kunsilli Lokali.

7.5 Għaldaqstant ġie deċiż b'mod unanimu li l-persuna li għandu l-Kunsill bħal issa taħdem sa' l-aħħar tas-sena.

7.6 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-6.30pm u sar qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar t-Tnejn 26 ta' Ottubru fil-5.30 pm.

Dawn il-minuti kienu mressqa u approvati waqt il-laqgha tal-Kunsill tat-Tnejn 26 ta' Ottubru 2009 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv. |